**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 8**
**Appell Nru: 252/2000**

**Il-Pulizija ( Supdt. Lawrence Cauchi )**

**Vs**

**EMANUEL CARDONA**
**--------omissis--------**

**Illum, 25 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Emanuel Cardona talli f'dawn il-Gzejjer, matul Jannar, 1990, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda :

1. Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew presentati rcieva bihom hlas, jew ha rahan minn ufficcju pubbliku jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ;
2. Xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat imsemmi fl-ewwel akkuza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap. 9 ;

3. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-attijiet jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella f'attijiet, illi dawk l-attijiet jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ;
4. Xjentement ghamel uzu mid-dokumenti foloz imsemmija fit-tielet akkuza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 ;
5. Sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal xi haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz ;
6. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta'intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-dannu tal-Gvern ta'Malta ;
7. F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, fl-istess data imsemmija, cioe' fis-16 ta'Jannar, 1990, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta'Malta mid-dazju dovut u jevadi r-restrizzjonijiet ta'importazzjoni, bl-ghajuna ta' haddiehor, xjentement importa jew gieghel li jigi mportat Trailer numru 78358/3 bhala li fih 1535 kartuna gobon, valur Lm16,329.00., dazju xejn, li wara r-rilaxx instab li kien fih xi tmintax (18) il-tunnellata tigieg tal-friza w partijiet ta'l-istess (sider u saqajn) valur Lm14,843.90, dazju Lm360 li ma giex imhallas jew kawtelat, u parti minn din il-kunsinna li kienet tikkonsisti fi 348 kartuna (4698 kgs) tigieg tal-friza, 206 kartuna (2472 kgs) sider tat-tigieg, u 121 kartuna (1645.6 kgs) saqajn tat-tigieg, li ghandhom valur ta' Lm5,292.30, dazju Lm176.31 instabu fil-fond Cardona Poultry Limited ta'Factory HF 13, Hal-Far Industrial estate, u gewwa trailer numru ST 504 F li kien ipparkjat barra l-istess fond u dan bi ksur ta' l-Artikolu 6 (5), 18, 60 (a) u 62 (a)(b)(e)(f)(g)(h)(i)(k)(m) ta' l-Ordinanza tad-dwana (Kap. 37).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 10 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Emanuel Cardona hati ta' dawn l-akkuzi, u kkundannatu Multa konsistenti f'terz mill-piena kumplessiva pekunjarja ta' Lm30,047.960 (cioe' Lm10,015.99), kif ukoll ikkundannatu ghall-tmintax (18) il-xahar prigunerija sospiza ghall-sentejn.

Rat ir-rikors t'appell ta'Emanuel Cardona datat 20 ta'Novembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma li hu kien gie liberat mill-ewwel Qorti u li tirrevoka l-piena fuq indikata li l-ewwel Qorti mponiet fuqu minkejja li kienet, skond l-appellant, illiberatu mill-akkuzi kollha.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-appellant qed jaghmel it-talba tieghu biex din il-Qorti tikkonferma l-liberazzjoni tieghu ghaliex skond l-**ewwel aggravju** tieghu, l-ewwel Qorti kienet illiberatu mill-akkuzi dedotti kontrih, izda, minkejja din il-liberazzjoni, kienet imponiet fuqu piena pekunjarja u wahda ta' prigunerija sospiza. L-appellant qed jibbaza dan l-aggravju tieghu fuq il-kopja tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li hu kien inghata mir-Registratur ta' dik il-Qorti.

Il-Qorti ghalhekk rat dik il-kopja tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u fil-fatt, hu minnu li lejn l-ahhar parti taghha, u precizament fir-raba paragrafu qabel l-ahhar li jibda bil-kliem "Ghal daqshekk il-Qorti", hemm il-kelma "**tillibera"** wara dawn il-kliem kwotati. Izda, fil-kopja ufficcjali tas-sentenza li hemm fl-atti, u li, allura, hi din li torbot u tapplika, wara dawn il-kliem hemm il-kelma "**tikkundanna**" u mhux il-kelma "**tillibera**". Barra minn hekk, aktar qabel din l-istess sentenza tghid li qed issib lill-allura imputat Emanuel Cardona hati ta' l-

akkuzi dedotti kontrih. Hu car hafna mela li kien sar zball evidenti fil-kopja li inghatat lill-appellant. Pero', jibqa' l-fatt li hi s-sentenza li hemm fl-atti li ghandha valur u mhux dik il-kopja li ghandu l-appellant jew id-difensur tieghu.

L-argument tad-difiza li ghamlet dan l-ewwel aggravju in bazi tal-kopja tas-sentenza li inghatatilhom bla ebda mod ma jreggi, u lanqas ma hu xi argument validu legalment. L-avukat difensur ta' l-appellant jaf ben tajjeb li huma l-atti li hemm fil-process li ghandhom validita' legali u mhux xi kopji li setghu nghataw ghaliex dawn ta' l-ahhar mhux ufficcjali. Id-difiza taf ben tajjeb li hija s-sentenza fl-atti li din il-Qorti ghandha tara u tezamina ghall-fini ta' dan l-appell. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju huwa respint.

Fit-**tieni aggravju** tieghu, l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Din il-Qorti ezaminat dettaljatament il-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant in bazi ta' dawk il-provi. Minn dak li setghet tara, din il-Qorti assolutament ma ssib ebda gustifikazzjoni f'dak li qed jghid l-appellant. L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed regolari, maghmul skond il-ligi, b'mod li in bazi ta' dawk il-provi, dik il-Qorti hasset li ragjonevolment setghet tasal sabiex issib htija fl-appellant. Ma kien hemm xejn irregolari f'dak li ghamlet l-ewwel Qorti, u ghalhekk, din il-Qorti ma ssib ebda motiv l-ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li ghamlet, u fil-konkluzzjonijiet li effettivament waslet ghalihom, u dan kemm ghal dak li jirrigwarda l-meritu kif ukoll il-piena mposta. Il-provi juru fatti carissimi ta' agir illegali jew kriminali li fih kien attivament involut l-appellant. Ta' dan ma hemm ebda dubju. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellant huwa respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-appell ta'Emanuel Cardona w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, inkluz kull ordni u/jew direttiva moghtija mill-ewwel Qorti.

Aldo Testone
Deputat Registratur